



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2217(DEC)

27.11.2013

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni
Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2012
(2013/2217(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka r-rwol importanti tal-Fondazzjoni fil-kontribuzzjoni għat-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi sħab; jilqa' f'dan ir-rigward li ntlaħqu l-għanijiet tal-programm ta' ħidma, kif jidher miż-żieda fl-għadd ta' miri korporattivi fl-2012 li huma indikati fid-dettal fir-Rapport Annwali ta' Ħidma; jirrikonoxxi l-enfasi mitfugħa fuq il-ħidma tal-Fondazzjoni dwar il-kwistjonijiet importanti tal-impjieg fost iż-żgħażaġh u l-enfasi mill-ġdid fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, id-dimensjoni tal-ħiliet tal-SMEs u l-proċessi ta' migrazzjoni;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2012 kienu skont il-liġi u regolari;
3. Jilqa' l-fatt li l-livell ġenerali tal-approprijazzjonijiet ta' impenn baqa' fl-livell għoli (99.9 %) fl-2012, li jindika ippjanar baġitarju kif support; jilqa' l-fatt li l-livell ta' miri mwettqa huwa konformi mal-baġit tal-Fondazzjoni;
4. Jilqa' l-miżuri li ttieħdu mill-Fondazzjoni b'reazzjoni għat-tħassib li qam dwar in-nuqqas ta' politika tat-teżor u n-nuqqas ta' trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ;
5. Jinnota b'dispaċir rigward il-Kontijiet Annwali tal-Fondazzjoni, li s-sitwazzjoni problematika tal-bini tal-Fondazzjoni baqgħet mhux solvuta fl-2012, minkejja l-azzjonijiet stabbiliti ta' mitigazzjoni u dawk preventivi; jilqa' l-fatt li ġie konkluż ftehim mal-awtoritajiet reġjonali fl-2013, li jiżgura l-kontinwazzjoni tal-ħidma tal-Fondazzjoni għall-perjodu 2013-2015.